



Brussell, 23 ta' Mejju 2022
(OR. fr)

9178/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0032(COD)

COMPET 343
IND 175
MI 398
RC 31
RECH 246
TELECOM 226
FIN 554
CADREFIN 84
CODEC 714

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	<i>Tħejjija għall-Kunsill Kompetittività tad-9 u l-10 ta' Ġunju 2022</i> Regolament li jistabbilixxi qafas ta' miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema Ewropea tas-semikondutturi (Att dwar iċ-Ċipep) <i>Dibattitu ta' orjentazzjoni</i>

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuża nota mill-Presidenza dwar ir-"Regolament li jistabbilixxi qafas ta' miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema Ewropea tas-semikondutturi (Att dwar iċ-Ċipep)" bil-ħsieb tad-dibattitu ta' orjentazzjoni fil-Kunsill Kompetittività tad-9 ta' Ġunju 2022.

Regolament li jistabbilixxi qafas ta' miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema Ewropea tas-semikondutturi (Att dwar iċ-Ċipep)

Dibattitu ta' orjentazzjoni

Nota mill-Presidenza

Introduzzjoni

Wara l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2019¹, li appellaw b'mod partikolari biex tiġi garantita s-sovranià diġitali tal-Unjoni, il-Kummissjoni Ewropea għamlet it-tranżizzjoni diġitali waħda mill-pilastri ewlenin tal-mandat tagħha. Il-Kummissjoni ppreżentat ukoll strateġija industrijali f'Marzu 2020 u aġġornatha f'Mejju 2021. L-għodod differenti proposti għandhom l-għan li jsaħħu r-reżiljenza, jippermettu lill-industrija Ewropea tixpruna t-trasformazzjoni ekoloġika u diġitali, u jstimulaw il-kompetittività tal-Unjoni. Biex jintlaħqu dawn l-ambizzjonijiet, fil-15 ta' Settembru 2021 il-Kummissjoni pproponiet ukoll abbozz ta' Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-Programm ta' Politika tal-2030, "Perkors għad-Deċennju Diġitali"². F'dan il-proġett, hija tistabbilixxi l-mira li, sal-2030, tipproduċi fl-Unjoni 20 % tal-valur tal-produzzjoni globali tas-semikondutturi. Il-Kunsill adotta l-mandat għal negozjati³ tiegħu dwar dan l-abbozz fil-11 ta' Mejju li għadda, u tenna din il-mira.

Għaldaqstant, il-Kummissjoni ppreżentat inizjattiva dwar is-semikondutturi fit-8 ta' Frar 2022 li tikkonsisti minn:

- komunikazzjoni tal-Kummissjoni intitolata "Att dwar iċ-Ċipep għall-Ewropa"⁴;

¹ EUCO 9/19
² Dokument 11900/21
³ Dokument 9011/22
⁴ Dokument 6169/22

- proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas ta' miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema Ewropea tas-semikondutturi⁵;
- proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2021/2085 li jistabbilixxi l-Impriżi Konġunti fil-qafas ta' Orizzont Ewropa, fir-rigward tal-Impriża Konġunta dwar iċ-Ċipep⁶;
- u rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni lill-Istati Membri biex javvanzaw l-implimentazzjoni ta' xi wħud mill-miżuri tal-pakkett.

Fil-11 ta' Mejju li għadda ppubblikat ukoll Dokument ta' Hídma tal-Persunal tal-Kummissjoni⁷, li jiġbor fil-qosor l-għan tal-proposta kif ukoll il-metodi, il-kriterji u l-opzjonijiet ta' politika magħżula mill-Kummissjoni.

It-tisħiħ tal-katina tal-valur tas-semikondutturi

Il-provvista ta' semikondutturi hija essenzjali għal firxa wiesgħa ħafna ta' industrij, inkluż ċerti attivitajiet strateġiċi, bħall-karozzi, it-tagħmir industrijali, is-saħħa, l-intelliġenza artifiċjali inkorporata jew l-industrija tad-difiża. In-nuqqas globali attwali ta' komponenti elettroniċi u l-impatt tiegħu fuq il-provvisti ta' diversi oġġetti bħal vetturi, apparati mediċi, kards tal-ħlas u l-oġġetti elettroniċi tal-konsumaturi jenfasizza l-importanza kritika ta' dawn il-komponenti għall-ktajjen tal-valur tagħna. Barra minn hekk, il-ħakma tal-avvanzi tekniċi li saru possibbli permezz tat-teknoloġiji elettroniċi, bħat-titjib tal-prestazzjoni tal-vetturi elettriċi, hija wkoll sfida ġeostrateġika li qed tikber għall-Ewropa. L-industrija Ewropea timmanifattura ħafna tipi ta' prodotti ta' teknoloġija avvanzata, li l-komponenti elettroniċi tagħhom huma komponenti essenzjali. Hekk kif it-trasformazzjoni diġitali qed issir aktar mgħaġġla u tinfiltra kull parti tas-soċjetà, il-ħtieġa għal komponenti elettroniċi hija mistennija li tiżdied u tkompli tinfirex f'aktar u aktar setturi, filwaqt li jinfetħu opportunitajiet ġodda tas-suq iżda wkoll sensitività akbar għal interruzzjonijiet fil-provvista tagħhom fi kwalità u kwantità suffiċjenti.

⁵ Dokument 6170/22 + ADD 1

⁶ Dokument 6171/22

⁷ Dokument 8799/22

Fl-istess ħin, l-Unjoni, li tirrappreżenta aktar minn 20 % tal-PDG globali, għandha sehem mis-suq globali tal-produzzjoni tas-semikondutturi ta' inqas minn 10 % u tiddependi ħafna fuq fornituri stabbiliti f'pajjiżi terzi. Il-pandemija tal-COVID-19 enfasizzat ukoll il-fraġilità tal-ekosistema fil-kapaċità tagħha li ttrispjond għad-domanda, kemm fl-Ewropa kif ukoll f'partijiet oħra tad-dinja b'nuqqasijiet sinifikanti ta' komponenti elettroniċi. L-iskarsezzi globali tas-semikondutturi għegħlu l-għeluq tal-fabbriki f'firxa wiesgħa ta' setturi, minn vetturi sa apparati tal-kura tas-saħħa. Fis-settur awtomobilistiku, pereżempju, il-produzzjoni naqset b'terz f'xi Stati Membri fl-2021. Dan għamel aktar evidenti d-dipendenza globali tal-katina tal-valur tas-semikondutturi fuq għadd limitat ħafna ta' atturi f'kuntest ġeopolitiku kumpless.

L-abbozz ta' Regolament dwar is-Semikondutturi

L-għan tal-abbozz tar-Regolament dwar is-Semikondutturi ("Att dwar iċ-Ċipep") huwa li jsaħħa l-ekosistema Ewropea, inkluż il-produzzjoni, biex tiżdied is-sigurtà tal-provvista tal-Unjoni tas-semikondutturi u jiġu żviluppati swieq ġodda għal teknoloġiji Ewropej avvanzati. B'mod partikolari, għandu l-għan li jillimita r-riskji ta' nuqqasijiet jew tensjonijiet futuri fil-provvisti tas-semikondutturi fl-Ewropa, u li jillimita l-konsegwenzi tagħhom fejn xieraq. L-inizjattiva għandha l-għan li tkopri l-katina tal-valur kollha mid-disinn sal-kapaċitajiet tal-manifattura, li ser tikkontribwixxi għar-reżiljenza industrijali Ewropea. Fl-aħħar nett, l-abbozz ta' regolament għandu l-għan li jistruttura approċċ Ewropew għal din il-kwistjoni, li għandu jikkontribwixxi għat-tisħiħ tas-suq intern.

Sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet, il-proposta hija bbażata fuq tliet pilastri:

- **Pilastru 1:** it-twaqqif tal-Inizjattiva Ċipep għall-Ewropa, biex tappoġġa l-bini tal-kapaċità teknoloġika u l-innovazzjoni fuq skala kbira madwar l-Unjoni, biex tippermetti l-iżvilupp u l-użu ta' teknoloġiji tas-semikondutturi u dawk kwantistiċi avvanzati u tal-ġenerazzjoni li jmiss li ser isaħħu l-kapaċitajiet u l-kompetenzi tal-Unjoni fid-disinn avvanzat, l-integrazzjoni tas-sistemi u l-produzzjoni tal-komponenti;

- Pilastru 2: il-ħolqien ta' qafas li jiżgura s-sigurtà tal-provvista billi jiġu attirati aktar investiment u kapaċità ta' produzzjoni fil-manifattura tas-semikondutturi, kif ukoll fl-imballaġġ, l-ittestjar u l-assemblaġġ, permezz ta' faċilitajiet ta' produzzjoni pijunieri integrati u funderiji miftuħa Ewropej;
- Pilastru 3: l-istabbiliment ta' mekkaniżmu għall-koordinazzjoni tas-sorveljanza u r-rispons għall-kriżijiet bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni biex tissaħħaħ il-kollaborazzjoni mal-Istati Membri u bejniethom, tiġi mmonitorjata l-provvista ta' semikondutturi, tiġi stmata d-domanda, jiġu antiċipati n-nuqqasijiet, tiġi skattata l-attivazzjoni ta' fażi ta' kriżi u jiġi skjerat sett ta' għodod apposta.

Progress tal-ħidma fil-Kunsill

Minbarra l-preżentazzjoni tal-inizjattiva fil-Kunsill Kompetittività tal-24 ta' Frar 2022, il-Previdenza bdiet l-eżami tagħha tal-abbozz ta' Regolament dwar is-semikondutturi matul dan is-semestru. Hiha rrappurtat dwar il-progress li sar fir-rapport ta' progress⁸ tagħha ppreżentat lill-Ministri. Minħabba l-importanza tal-proposta, huwa meħtieġ li tinkiseb id-direzzjoni tal-Ministri dwar dan l-abbozz ta' Regolament bil-ħsieb li tiġi ffaċilitata aktar ħidma fi ħdan il-korpi preparatorji tal-Kunsill.

⁸ Dokument 9177/22

Punti għad-diskussjoni

Abbażi ta' dan, il-Ministri huma mistiedna għal skambju ta' fehmiet dwar il-mistoqsijiet li ġejjin:

- *Taħseb li hija meħtieġa azzjoni Ewropea kkoordinata u rapida biex tindirizza d-diffikultajiet attwali fil-provvista tas-semikondutturi u tantiċipa d-diffikultajiet futuri?*
 - *Taħseb li l-azzjonijiet proposti mill-Kummissjoni Ewropea dwar is-semikondutturi joffru lievi rilevanti biex jissaħħu l-kapaċitajiet ta' produzzjoni fuq perjodu qasir u fit-tul fl-Ewropa u tiżdied ir-reżiljenza tal-provvisti tagħha? Barra minn hekk, taħseb li jipprovdu soluzzjonijiet biex tingħata spinta lit-trasferiment tal-innovazzjonijiet miġjuba mill-ekosistema Ewropea tar-riċerka lill-industrija?*
-